# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Novembru, 2024**

**Numru : 32**

**Rikors numru 809/2021/1TA**

**Jojoe Company Limited (C5506)**

**v.**

**Avukat tal-Istat**

**u**

**Alfred Sciberras u Giovanna Sciberras**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mir-rikorrenti Soċjetà **Jojoe Company Ltd** fit-12 ta' Ġunju, 2024 sabiex tinbidel sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Ġunju, 2023. F'din is-

sentenza appellata ġie deċiż li s-Soċjetà rikorrenti (issa appellanta) ġarrbet ksur tal-jeddijiet tagħha għat-tgawdija tal-proprjetà taħt **l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba t-tħaddim l-Artikolu tal-Kap.69 u bl-artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Bħala rimedji l-Ewwel Qorti ordnat: (i) kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti Soċjetà *ai termini* tal-ligi fl-ammont kumplessiv ta' fl-ammont ta' erbgħin elf ewro (€40,000) u (ii) lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati.

**Daħla**

2. L-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk mill-Ewwel Qorti:

> *«i.'Illi r-rikorrenti hija proprjetarja tal-fond 37/38, Triq il-Palazz tal-Isqof, ilBirgu, li huma akkwistaw b'kuntratt tat-23 ta' Mejju 1981 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin, li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A);*
>
> *ii. Illi l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat kif jirrizulta mid-"Dokument B" hawn anness.*
>
> *iii. Illi l-imsemmi fond ilu mikri lill-intimati Sciberras u l-antekawza minnhom ghal dawn l-aħħar sebghin sena b'kera miżera li tul iz-zmien awmentat għal €216.70c fis-sena ai termini tal-Att X tal-2009, b'awmenti tenwi kull tlett snin skond.l-oghli tal-hajja. 4.*
>
> *iv. Illi kif fuq ingħad, l-kera li l-intimati Sciberras qed jhallsu a tenur tal-ligi jammonta ghal €216.70c fis-sena, meta l-valur lokatizju tal-fond fis-suq huwa ferm u ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, liema disposizzjonijet gew mibdula bi ftit bl-Att X tal-2009.*

*v. Illi ai termini tal-Ordinanza XVI tal-1944, ir-rikorrenti ma setgħu qatt jikru l-fond in kwistjoni fis-suq stante illi l-kera tar-residenzi ta' fondi li ma kienux dekontrollati ossia li ma jaqghux taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta, u huma regolati bil-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, ma setgħu qatt jizbqu l-valur lokatizju ta' dak li l-fond seta' jgib fl-4 ta' Awwissu 1914.*

*vi. Illi ai termini tal-istess ligi bl-emendi li sarulha bl-Att X tal-2009, r-rata tal-kera għandha tizdied biss darba kull tlett snin b'mod proporzjonali ghal mod li bih ikun jiżdied l-Indici ta' Inflazzjoni skond l-Artikolu XIIItal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar bl-awment li jmiss fl-1 ta' Jannar 2022, liema awmenti huma tenwi għall aħħar.*

*vii. Illi l-protezzjoni moghtija lill-inkwilini intimati Sciberras bid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 mhumiex gusti u ma jikkreawx bilanċ ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina stante li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ferm ogħla minn dak stabbilit fil-ligi u għalhekk huma bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu (6) tal-Konvenzjoni.*

*viii. Illi l-livell baxx tal-kera, l-istat tal-inċertezza tal-possibilitàtat-tehid lura tal-proprjeta', in-nuqqas ta' salvagwardji procedurali, iz-zieda fil-livell tal-għejxien f'Malta f'dawn l-aħħar decenni u l-interferenza sproporjzonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piz eċċessiv fuq ir-rikorrenti.*

*ix. Illi r-rikorrenti m'għandhiex rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi hija ma tistax zzid il-kera b'mod ekwu u gust skond il-valur tassuq illum, stante illi dak li effettivament huwa jista jitlob li jircievi huwa dak kif limitat bl-artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.»*

3. Peress li s-Soċjetà dehrilha li dan kollu seħħ bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha mħarsin bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll bl-Art.1 tal-Ewwel Protokoll huwa fis-sens li minħabba l-Kap 69 u bl-Artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, is-Soċjetà fetħet din il-Kawża u talbet lill-Qorti jogħġobha:

*»**(I) Tiddikjara u Tiddeċiedi** illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u loperazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-*

*Liġijiet vigenti qiegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimati Alfred Sciberras (K.I. 611839M) u Giovanna Sciberras (K.I. 839345M) ghall-fond 37/38, Triq il-Palazz tal-Isqof, ilBirgu, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti inter alia fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u b'hekk għar-raġunijiet fuq esposti u dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti għandha tingħata r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

***(II) Tiddikjara u Tiddeċiedi*** *illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta talli ma nzammx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwistjoni wkoll ai termini tal-Liġi.*

*(III)* ***Tillikwida*** *l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-Liġi.*

*(IV)* ***Tikkundanna*** *lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Liġi*

*(V) l-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.*

***Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni ta' l-intimati minn issa għas-subizzjoni.***«

4. L-Avukat tal-Istat ressaq t-tweġiba tiegħu, fejn fisser li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

5. B'sentenza mogħtija **fl-1 ta' Ġunju, 2023,** il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, wara li qieset il-fatturi u r-raġunijiet kollha caħdet l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiz u tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti kif

isegwi:

*«1.**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-Intimat Avukat tal-Istat.*

*2.**Tilqa’** t-tielet eċċezzjoni tal-Intimati Sciberras u tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha limitatament safejn l-ilment tas-soċjetá Rikorrenti tirrigwarda l-qagħda legali tagħha wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi tal-2021.*

*3.**Tiċħad** il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati Sciberras.*

*4.**Tilqa’** limitatament l-ewwel talba tas-soċjetá Rikorrenti billi tiddikjara li l-provvedimenti tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-provvedimenti tal-Kap. 16 inter alia lArtikolu 1531 Ċ, kif kienu viġenti qabel l-introduzzjoni tal-emendi bl-Att XXIV tal-2021, jivvjolaw id-drittijiet fondamentali tas-soċjetá Rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetá tagħha bl-indirizz 37/38, Triq il-Palazz tal-Isqof, il-Birgu kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (li tifforma parti integrali tal-liġijiet domestiċi fil-Kap. 319).*

*5.**Tilqa’** limitatament t-tieni talba tas-soċjetá Rikorrenti u tiddikjara illi lintimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mis-soċjetá Rikorrenti b’konsegwenza ta’ l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta’ Malta kif kienu viġenti qabel l-introduzzjoni talemendi bl-Att XXIV tal-2021, preċiżament sal-1 ta’ Ġunju 2021.*

*6.**Tilqa’** t-tielet talba tas-soċjetá Rikorrenti u tillikwida l-kumpens u danni kif sofferti fl-ammont ta’ erbgħin elf ewro (€40,000) bl-imgħax legali middata tas-Sentenza sad-data tal-pagament effettiv.*

*7.**Tilqa’** r-raba’ talba tas-soċjetá Rikorrenti u tikkundanna lill-Intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati.*

*Bl-ispejjeż kollha, inklużi tal-inkwilini Intimati Sciberras jitħallsu mill-Intimat Avukat tal-Istat:»*

6. Is-soċjetà rikorrenti, b’rikors imressaq fl-**<u>12 ta’ Ġunju, 2023</u>,** saħqet li: (i) li l-kumpens pekunjajru u non-pekunjarju mogħti mil-Ewwel Onorabbli Qorti dovut lir-rikorrenti Jojoe Company Ltd għall-ksur tad-

drittijiet fundamentali tagħha huwa baxx wisq.

7. L-intimat Avukat tal-Istat wieġeb għal dan l-appell fit-**<u>30 ta' Ġunju, 2023</u>** u qal li jaqbel mal-import tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u li hija ġusta u timmerita konferma.

8. Inżamm smigħ fis-**<u>16 ta' Ottubru 2023</u>** u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

9. Qabel ma' tqis l-appelli tal-partijiet, din il-Qorti tosserva li ma sar l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti sabet ksur tad-dritt fondamentali tal-atturi mħarsa taħt Artikolu tal-1 Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-parti tas-sentenza appellata għalhekk illum hija finali.

***Konsiderazzjonijiet:***

10. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li l-appell jolqot il-*quantum* ta' kumpens pekunjajru u non-pekunjarju mogħti mill-Ewwel Qorti. Fil-fehma tagħha r-rikorrenti soċjetà l-kumpens mogħti lilha kien baxx wisq. L-appellanti jfissru l-aggravju waħdieni tagħhom hekk:

> *»Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta deċidiet fuq il-likwidazzjoni tal-istess danni stante illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ma segwitx id-dettami tal-ġurisprudenza deċiza mill-*

*Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u ta' din il-Qorti Kostituzzjonali kif deċizi wara s-sentenza ta' Cauchi v. Malta, deċiza fit-26 ta' Marzu 2021 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, fejn l-istess Qorti ikkalkulat li d-dannu għandu jiġi likwidat billi jitnaqqsu 30% u sussegwentement jitnagqsu 20% fit-telf li is-sidt tkun għamlet tul iż-żmien u kif jigi spjegat f' dan l-Appell, l-ammont li l-appellanti għandha tippperċepixi għandu jkun it-telf kollu bi tnaqqis ta' 30% u sussegwentement 20%, in linea mal-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;»*

11. Din il-Qorti taqbel mal-Avukat tal-Istat li, fost il-fatturi li għandhom jitqiesu għall-għanijiet ta' likwidazzjoni ta' kumpens, hemm mhux biss dak ta' proporzjonalità bejn il-kera kontrollat taħt il-liġi u l-kera fis-suq ħieles, iżda għandu jitqies ukoll il-fattur tal-proporzjonalità bejn il-kera kontrollat u l-investiment li għamel l-attur biex kiseb il-proprjetà, partikolarment meta tqis li l-attur kiseb il-proprjetà bi prezz anqas minn dak tas-suq ħieles meta wieħed jagħti ħarsa lejn il-kuntratt ta' akkwist datat 23 ta' Mejju 1981 u mmarkat bħala Dok A[1] u l-istima tal-perit maħtur mill-Qorti[2].

12. Tassew illi skont l-atti tal-proċess, u l-uniku kuntratt t'akkwist li ġie prezentat huwa l-konċessjoni emfitewtika ta' ċens perpetwu. Dan juri li r-rikorrenti soċjetà, akkwistat dan il-fond għal ċens annwu u perpetwu ta' Lm20 biss, ekwivalenti għal €46.60. Għalqastant il-kuntratt esebit jikkonferma li l-akkwist kien ta' ċens u ma li tħallasx ammont ulterjuri. Għalhekk meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni wkoll *ir-return on*

[1] Proċess 809/21TA, DOK A, a fol 9
[2] Proċess 809/21TA, a fol 68

*investment* tal-appellanti jirrizulta li l-appellanti akkwistat il-fond *de quo* bi prezz relativament baxx ħafna.

13. Wieħed għandu jikkunsidra wkoll illi f'sitt snin biss wara dan l-akkwist, skont l-istima tal-perit tekniku a fol 68, il-valur tal-kera fix-xahar għall-istess fond kienet tammonta għal Lm85 fix-xahar, proprju d-doppju tal-ammont li għalih ir-rikorrenti ħallset għall-akkwistat tal-proprjetà biss ftit snin qabel.

14. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li mill-atti tal-kawza stess a bażi tal-kopja tal-ktieb tal-kera, li ġie ppreżentat mir-rikorrenti jidher li l-kirja kienet ta' Lm40 fis-sena. Għalhekk joħroġ biċ-ċar li fl-ewwel snin is-soċjetà rikorrenti għamlet qliegħ u jkun inġust li tieħu l-kumpens sħiħ.

15. Għaldaqstant meta l-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni tal-ammont tal-akkwist, ser tnaqqas 20%, biex tirrifletti l-valur veru tal-fond fis-suq miftuħ.

16. In kwantu l-kalkolu applikat mill-Ewwel Onorabbli Qorti, għandu jiġi osservat illi dina l-Onorabbli Qorti ser timxi skont il-principji ta' **Cauchi vs Malta.**

17. Il-Qorti Ewropea, fil-każ reċenti ta' **Cauchi v. Malta**, tal-25 ta' Marzu 2021, ipprovdiet illi l-kumpens dovut f'każijiet fejn il-liġi impunjata

ikollha skop leġittimu fl-interess ġenerali, m'għandux jirrifletti il-valur lokatizju sħiħ li kien ikun perċepibbli fuq is-suq liberu.

18. Hekk ukoll, dan gie mfisser f'din is-silta meħuda mis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju 2023 ***<u>Agostina sive Ina Cini et vs. L.Avukat tal-Istat</u> <u>et</u>***[3]

> *»F'appelli ta' din ix-xorta fejn il-kwistjoni prinċipali tkun il-kumpens likwidat mill-Ewwel Qorti, u li sfortunatament qegħdin jieħdu ħafna mill-ħin ta' din il-Qorti, il-Qorti ad nauseam ilha tagħmel il-kalkolu tal-kumpens pekunjarju a bażi tal-linji gwida li ngħataw mill-QEDB fis-sentenza Cauchi v. Malta.*
>
> *Jekk wieħed kellu jibbaża l-kalkolu tal-kumpens pekunjarju fuq l-istimi tal-perit tekniku, l-ewwel irid jitnaqqas 30% minħabba l-interess ġenerali fil-protezzjoni li l-liġi tagħti lill-inkwilin.*
>
> *Mill-bilanċ jitnaqqas 20% oħra minħabba l-inċertezza dwar kemm il-fond kien ser ikun mikri għall-perjodu kollu.»*

19. Fil-każ ta' Cauchi, il-QEDB qalet li minn dan irid jitnaqqas ukoll il kera li tħallset/kienet pagabbli mill-inkwilini skont il-liġi.

20. Il-Qorti ser tnaqqas 20% mil-figura minħabba l-valur tal-akkwist tal-proprejtà.

21. In konklużjoni, għalhekk, fid-dawl tal-provi dokumentarji in atti, jiġi kkunsidrat illi:

---

[3] Proċess 743/2021/1

a. Il-valur totali ta' kera perċepita kien fl-ammont ta' €4,330.50;

b. Skont il-valur lokatizju ndikat mill-Perit Tekniku, ir-rikorrenti soċjetà mit-30 ta' April tas-sena 1987 sal-1 ta' Ġunju 2021 kellha tipperċepixxi kera fl-ammont ta' €135,995 għal dan il-perjodu;

c. Il-kumpens pekunjarju qiegħed għalhekk jinħadem hekk:

€135,995 – 30% għall-interess ġenerali = €95,196.50

€95,196.50 - 20 % għall-possibbli perjodu mhux mikri = €76,157.20

€76,157.20 - €4,330.50 kera perċepita kif fuq maħdum = €71,826.70

€71,826.70 - 20% l-istima tal-perit tekniku = **€57,461.36**

22. Din il-Qorti qiegħda għalhekk tillikwida danni pekunjarji fl-ammont ta' sebgħa u ħamsin elf erba' mija u wieħed u sittin ewro u sitta u tletin ċenteżmi (€57,461.36).

23. Dwar l-aggravju li ressqet s-soċjetà rikorrenti li għandu jingħata l-ammont ta' danni morali ta' €17,000, din il-Qorti tiċċara illi l-Ewwel Qorti ordnat li jiġi llikwidat kumpens u danni ta' erbgħin elf ewro (€40,000) mingħajr ma ħadet l-ebda konsiderazzjoni ta' distinzjoni bejn danni morali jew non pekunkarji.

24. Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ***Joseph Mary sive Joseph Duca et v. Reno Farrugia u Avukat tal-Istat***

deċiża fit-**3** ta' **Frar, 2023** qalet;

*«li l-liġijiet li jikkontrollaw it-tiġdid tal-kiri ma kinux jgħaxxqu wisq lir-rikorrenti bħala sidien il-kera għaliex dawn il-liġijiet kellhom l-effett li jżommuhom milli jieħdu lura l-post għall-użu personali tagħhom u milli jitolbu l-kera li riedu. Telf ta' qligħ jew ta' flus però mhux bilfors iwasslu għal tbatija, tferfir jew taqtigħ il-qalb. Sensjazzjonijiet dawn, li ġeneralment jitqiesu bħala konsiderazzjonijiet fl-għoti tad-danni morali;*

*Il-qorti tifhem li wieħed għandu jqis dawn is-sura ta' danni meta jeżistu ċirkostanzi fejn it-tiġrib konvenzjonali jwassal għal niket kbir, uġiegħ jew tbatija, sew jekk fil-forma fiżika sew jekk mentali. Għallinqas minn kif taraha l-qorti mhux għaliex instab li kien hemm ksur konvenzjonali allura bilfors ġew imġarrba danni morali. Fl-opinjoni tal-qorti d-danni morali għandhom jingħataw biss jekk jintwera bil-provi li dawn tabilħaqq ġew imġarrba;*

*Bħalma d-danneġġjat huwa mitlub jipprova d-danni pekunjarji, hekk ukoll huwa mitlub li jipprova d-danni morali, jekk huwa jkun qiegħed ifittixhom jew jippretendihom. Ir-regoli dwar il-provi tad-danni jgħoddu mhux biss għall-kawżi ċivili normali iżda jgħoddu wkoll għall-kawżi marbuta ma' ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-bniedem;*

*Fil-każ tal-lum, għalkemm il-qorti taċċetta li r-rikorrenti, seta' kellhom stennija mxennqa li jdaħħlu aktar flus mill-kiri tad-dar, madankollu b'daqshekk dan ma jfissirx li huma kien ħaqqhom ukoll li jieħdu danni morali għaliex ma għamlux dak il-qligħ. It-telf ta' qligħ huwa fattur li għandu jiġi meqjus fil-kuntest tad-danni pekunjarji iżda mhuwiex fattur li waħdu għandu jagħti lok għall-għoti ta' danni morali. Inkella d-danneġġjat ikun qiegħed jiġi kkumpensat għal darbtejn fuq l-istess ħaġa;*

*Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li l-kontroll fit-tiġdid tal-kera b'xi mod ġab xi tbatija fiżika jew mentali fuq ir-rikorrenti. Ħadd mir-rikorrenti ma tela' jixhed u qal li minħabba l-liġijiet dwar it-tiġdid tal-kera huma kellhom jidħlu f'xi sagrifiċċji finanzjarji jew f'xi tbatijiet żejda…*

*Minkejja dan kollu, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***Francis Attard v. Avukat tal-Istat*** *deċiża fit-30 ta' Novembru, 2022 qalet li f'sitwazzjonijiet bħal dawn ir-rikorrenti xorta waħda għandhom jingħataw kumpens morali għaliex kif ġie mfisser mill-Qorti Ewropea fis-sentenza* ***Sargsyan v. Azerbaijan*** *tat-12 ta' Diċembru, 2017, «…non-pecuniary awards serve to give recognition to the fact that moral damage occurred as a result of a breach of a fundamental human right and reflect in the broadest of terms the severity of the damage.»;*

25. Hekk ukoll, din il-Qorti tirrileva li l-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza bl-ismijet **B. Tagliaferro & Sons Limited vs. L-Avukat tal-Istat et** deċiża fit-**12 ta' Lulju 2023** qalet:

> *"Huwa żbaljat l-argument li fil-ġurisprudenza ġiet stabbilita xi regola fissa li l-kumpens non-pekunarju għandu jiġi kkalkolat fis-somma ta' €500 għal kull sena li tkun damet għaddejja l-leżjoni. Il-kumpens non-pekunarju jirrifletti t-tbatija morali li tkun ġiet sofferta mill-vittma minħabba l-leżjoni li tkun ġiet konstatata mill-Qorti, u għalhekk huwa neċessarjament kwistjoni suġġettiva li tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ."*

26. Madanakollu hemm ukoll il-fattur li l-attriċi hija persuna legali hekk kif osservat il-Qorti fis-sentenza ***B. Tagliaferro & Sons Limited vs. Avukat tal-Istat et***[4]***.***

> *"Meta tqis iżda illi l-attriċi hija persuna legali u mhux fiżika, u ma tbatix minn "ansjetà" bħalma jbatu persuni fiżiċi, u meta tqis ukoll illi l-attriċi setgħet fittxet ir-rimedju taħt il-Konvenzjoni Ewropea ferm qabel."*

27. F'dan il-każ, meta wieħed jitfa' dan kollu fil-qoffa, partikolarment il-fatt li l-ksur konvenzjonali dam għaddej bejn l-1987 u l-2021 u l-fatt li s-soċjetà attriċi ma ressqet l-ebda prova dwar telf ekwikarabbli danni morali li setgħet ġarrbet, u hija persuna legali, il-Qorti tħoss li kumpens ta' ħamset elef (€5,000) għandu jkun wieħed biżżejjed bħala danni morali, hekk kif ukoll huwa miżmum skont ġurisprudenza aċċettata;

28. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti sejra tillikwida danni morali fl-ammont ta' ħamest elef (€5,000).

---

[4] **B. Tagliaferro & Sons Limited vs Avukat tal-Istat et**, deciza mil-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Ottubru 2022.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tirriforma s-sentenza appellata :

i. Tilqa' l-appell tar-rikorrenti Soċjetà, fis-sens li tħassar is-sentenza appellata fejn illikwidat il-kumpens pekunjarju li l-Avukat tal-Istat għandu jħallas lill-attur fis-somma ta' **erbgħin elf ewro (€40,000)** u, minflok, tillikwida dak il-kumpens fis-somma ta' **sebgħa u ħamsin elf erba' mija u wieħed u sittin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€57,461.36)**, filwaqt li l-kumpens morali li għandu jħallas l-Avukat tal-Istat lis-soċjetà rikorrenti hu ta' **ħamest elef ewro (€5,000)**.

ii. Spejjez għall-**Avukat tal-Istat** għax intlaqa' l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss